

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1398/2007

tat-28 ta' Novembru 2007

li jemenda l-Annessi II, III B u VI għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' prodotti tat-tessuti minn ċerti pajjiżi terzi li mhumiex koperti bi ftehimiet bilaterali, protokollu jew arranġamenti oħra, jew b' regoli speċifiċi Komunitarji oħra dwar l-importazzjoni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 tas-7 ta' Marzu 1994 dwar regoli komuni għall-importazzjoni tal-prodotti tat-tessuti minn ċerti pajjiżi terzi mhux koperti bi ftehimiet bilaterali, protokollu jew arranġamenti oħra, jew b'regoli speċifiċi Komunitarji oħra dwar l-importazzjoni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 28 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra, kien iffirmit fil-15 ta' Ottubru 2007. Il-Ftehim Intermedju dwar il-kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ se jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008. Il-Ftehim Intermedju se jippermetti li d-dispożizzjonijiet tal-kummerċ tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jiġu applikati b'mod provviżorju sakemm jidħol fis-seħħ. Għaldaqstant, ir-Repubblika tal-Montenegro għandha titneħħa mill-ambitu ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 517/94 mid-data ta' l-implimentazzjoni tal-Ftehim Intermedju.
- (2) Wara t-tneħħija tal-komponenti kollha ta' l-ex Jugoslavja mill-ambitu ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 517/94, il-Kosovo kif iddefinit mir-Riżoluzzjoni 1244 ta' l-10 ta' Ġunju 1999 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjoni-

jiet Uniti ⁽²⁾ huwa l-uniku territorju fir-reġjun suġġett għal kwoti tat-tessuti. Għaldaqstant u fid-dawl tan-nuqqas ta' industrija tat-tessuti, jitqies xieraq li l-Kosovo jiġi eskluż ukoll mill-ambitu ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 517/94 sabiex tiġi evitata kull diskriminazzjoni kontra dan it-territorju.

- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 517/94 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.
- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tessuti stabbilit mill-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 517/94,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi II, III B u VI għar-Regolament (KE) Nru 517/94 qegħdin jinbidlu kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum mill-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Novembru 2007.

Għall-Kummissjoni

Peter MANDELSON

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 67, 10.3.1994, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

⁽²⁾ Ir-referenzi kollha għall-Kosovo f'dan ir-Regolament għandhom jiġu interpretati bħala referenza għall-Kosovo taħt il-UNSCR 1244.

ANNEX

L-Annessi II, III B u VI għar-Regolament (KE) Nru 517/94 huma emendati kif ġej:

1. L-Anness II qiegħed jinbidel b'dan li ġej:

“ANNEX II

Lista tal-pajjiżi msemmija fl-Artikolu 2

Il-Korea ta' Fuq”

2. L-Anness III B qiegħed jinbidel b'dan li ġej:

“ANNEX III B

Limiti kwantitattivi Komunitarji annwali msemmija fl-Artikolu 2(1), ir-raba' inċiż”

3. L-Anness VI qiegħed jinbidel b'dan li ġej:

“ANNEX VI

L-ipproċessar tat-traffiku għal barra

Limiti Komunitarji annwali msemmija fl-Artikolu”
